

Brussell, 2 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10181/19

ECOFIN 639
UEM 239
SOC 490
EMPL 379
COMPET 517
ENV 610
EDUC 323
RECH 356
ENER 360
JAI 720
FSTR 139
REGIO 175

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9954/19 - COM(2019) 528 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSIL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tar-Renju Unit għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Renju Unit tal-2019

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2019) 528 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma tar-Renju Unit għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Renju Unit tal-2018-2019

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tiżiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew biex tiġi kkoordinata l-politika ekonomika għall-2019. Qieset kif dovut il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fil-21 ta' Novembru 2018, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lir-Renju Unit bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2019 għar-Renju Unit ġie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Huwa vvaluta l-progress tar-Renju Unit fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet adottati fis-snin preċedenti u l-progress tar-Renju Unit lejn il-miri nazzjonali tiegħu ta' Ewropa 2020.
- (3) Fit-23 ta' April 2019, ir-Renju Unit ippreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 tiegħu u l-Programm ta' Konverġenza tal-2018-2019 tiegħu. Biex jiġu kkunsidrati r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

- (4) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit innotifika lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea. Meta r-Renju Unit joħroġ mill-Unjoni Ewropea, dan isir pajjiż terz. Peress li hemm inċertezza dwar id-data u t-termini tal-ħruġ tar-Renju Unit, kif ukoll dwar ir-relazzjonijiet futuri tar-Renju Unit mal-Unjoni, din ir-Rakkomandazzjoni ma tispikulax dwar l-implikazzjonijiet ekonomiċi possibbli ta' xenarji differenti. F'każ li r-Renju Unit joħroġ mill-Unjoni abbażi tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika³ ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ"), li ġie miftiehem mill-gvern tar-Renju Unit u li l-Kunsill Ewropew approva fil-25 ta' Novembru 2018, id-dritt tal-Unjoni, inkluż is-Semestru Ewropew, ser ikompli japplika għar-Renju Unit u fih, matul il-perijodu ta' transizzjoni stabbilit mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.
- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, fejn ikun meħtieġ li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

³ ĠU C 66 I, 19.2.2019, p. 1.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (6) Bħalissa r-Renju Unit jinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġett għar-regola tad-dejn tranżizzjonali sal-2019-2020. Fil-Programm ta' Konverġenza tal-2018-2019, il-gvern jistenna li d-defiċit nominali jiżdied minn 1,2 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2018-2019 għal 1,4 % tal-PDG fl-2019-2020 u jonqos għal 1,1 % tal-PDG fl-2020-2021. Il-programm ta' konverġenza ma jinkludix objettiv baġitarju fuq terminu medju. Skont il-Programm ta' Konverġenza, id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika, bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni jonqos minn 85,5 % fl-2018-2019 għal 83,8 % fl-2019-2020 u għal 82,9 % tal-PDG fl-2020-2021. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Għalkemm il-miżuri meħtieġa biex jappoġġaw il-miri tad-defiċit ippjanati huma kumplessivament speċifikati sew, il-persjonijiet li qed jikbru fuq in-nefqa tal-gvern⁵ f'għadd ta' oqsma joħolqu riskju għall-kisba tal-perkors ippjanat għad-defiċit.
- (7) Fit-13 ta' Lulju 2018, il-Kunsill irrakkomanda lir-Renju Unit biex jiżgura li r-rata tat-tkabbir nominali tan-nefqa primarja nett tal-gvern ma taqbiżx il-1,6 % fl-2019-2020, li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2019, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mir-rekwiżiti tal-parti preventiva fl-2019-2020.

⁵ In-nefqa primarja nett tal-gvern hi magħmula min-nefqa totali tal-gvern mingħajr in-nefqa marbuta mal-imgħax, in-nefqa marbuta mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fin-nefqa marbuta mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata fuq livell nazzjonali hija mifruxa fuq perijodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

- (8) Fl-2020-2021, fid-dawl ta' proporzjon tad-dejn għall-PDG tar-Renju Unit ta' l fuq minn 60 %, u marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni proġettat ta' 0,3 %, ir-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa primarja netta tal-gvern jenħtieġ li ma taqbiżx il-1,9 %, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG, li joriġina mill-matriċi tar-rekwiżiti skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Jekk ma jinbidlux il-politiki, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mir-rekwiżit fl-2020-2021. Ir-Renju Unit huwa mistenni li jikkonforma mar-regola tad-dejn tranżizzjonali fl-2019-2020, bħala riżultat tad-devjazzjoni annwali permessa ta' 0,25 %, u mar-regola tad-dejn fl-2020-2021. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li r-Renju Unit irid ikun lest li jieħu miżuri ulterjuri sa mill-2019-2020 biex ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (9) Ir-Renju Unit ilu żmien twil bħala l-ekonomija tal-G7 bl-aktar investiment kapitali baxx bħala sehem mill-PDG. L-investiment ukoll waqa' b'mod partikolari matul il-kriżi finanzjarja, u l-irkupru ta' wara l-kriżi fl-investiment privat waqaf. L-intensità tal-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp tar-Renju Unit kienet madwar 1,7 % tal-v għall-aħħar deċennju, taħt il-medja tal-Unjoni. Permezz tal-Istrateġija Industrijali tiegħu, ir-Renju Unit stabbilixxa mira tal-ekonomija sħiħa ta' 2.4 % tal-PDG sal-2027 u ta' 3 % tal-PDG fuq terminu itwal. L-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp huwa kkonċentrat f'għadd limitat ta' kumpaniji u reġjuni. Dawn in-nuqqasijiet kbar kemm fil-kapital fiżiku kif ukoll f'dak uman huma l-kawża ewlenija tal-produttività tax-xogħol relattivament baxxa u staġnata tar-Renju Unit.
- (10) Ir-Renju Unit għandu nuqqas persistenti ta' akkomodazzjoni. L-irkupru ta' wara l-kriżi fil-bini tal-akkomodazzjoni tilef il-momentum. Qed jitfaċċaw limitazzjonijiet tal-kapaċità filwaqt li l-konstruzzjoni residenzjali għadha inqas minn dak li huwa meħtieġ biex tiġi sodisfatta d-domanda stmata. Il-prezzijiet tad-djar u l-kirjiet għadhom għoljin, speċjalment f'żoni b'domanda għolja għall-akkomodazzjoni, b'sinjali ta' sopravvalutazzjoni. Għadd sinifikanti inqas ta' żgħażaġħ issa huma sidien ta' djarhom. Il-Gvern qed jimplementa firxa ta' miżuri biex jagħti spinta lill-provvista tal-akkomodazzjoni. Fl-istess ħin, l-ammont u l-post fejn tinsab l-art disponibbli għal akkomodazzjoni ġdida għadha limitata minħabba regolamentazzjoni stretta tas-suq tal-artijiet, b'mod partikolari madwar il-bliet.

- (11) Hemm bżonn ta' investment kbir biex jiġu modernizzati u estiżi n-netwerks tal-infrastruttura filwaqt li jitnaqqsu l-kostijiet tal-proġett u l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Qed jiżdi u l-pressjonijiet ta' kapaċità fin-netwerks tat-toroq, tal-ferroviji u tal-avjazzjoni. Ir-Renju Unit jeħtieġ li jipprovdi kapaċità sinifikanti ġdida u aktar ekoloġika għall-ġenerazzjoni u l-provvista tal-enerġija. L-iżvilupp tal-infrastruttura tar-Renju Unit kellu t-tendenza li jiswa ħafna u mexxa bil-mod. Wara deċennji ta' nuqqas ta' investment pubbliku, il-gvern qed jibda jittratta d-defiċit tal-infrastruttura permezz tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Infrastruttura tiegħu, iżda ser ikun ta' sfida li jiġi żgurat l-ammont ta' finanzjament estern meħtieġ fil-projezzjonijiet tal-gvern b'mod kosteffikaċi.
- (12) Għalkemm il-qgħad huwa baxx, il-pagi reali għadhom taħt l-oġġla livell ta' qabel il-kriżi. Il-proporzjon għoli ta' impjegati b'ħiliet baxxi għandhom prospettivi limitati ta' progress fil-karriera, biex b'hekk joħolqu piż fuq il-produttività u jikkontribwixxu għal livelli għoljin ta' faqar fost dawk li jaħdmu. Hemm lok biex titjeb l-effikaċja tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ fil-ħiliet bażiċi u tekniċi. Il-Gvern qed jagħmel riformi kemm fit-taħriġ fil-klassi kif ukoll fit-taħriġ fuq ix-xogħol, iżda r-reġistrazzjonijiet kumplessivi tas-sistema l-ġdida fuq żewġ binarji huma ħafna inqas milli mistenni.
- (13) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2019, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tar-Renju Unit u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2019. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2018-2019, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lir-Renju Unit fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fir-Renju Unit imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (14) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2018-2019 u l-opinjoni tiegħu⁶ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

⁶ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Renju Unit jieħu azzjoni fl-2019 u fl-2020 biex:

1. Jiżgura li r-rata tat-tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma jaqbix il-1,9 % fl-2020-2021, li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG.
2. Jiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-akkomodazzjoni, it-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet, it-trasport sostenibbli u t-transizzjoni b'livell baxx ta' karbonju u enerġija, filwaqt li titqies id-diversità reġjonali.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
